# IL-ĠNIEN BOTANKU F'MALTA

Il-Ġnien Botanku f'Malta kellu bidu fl-1675, sew fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cottoner, li għamel l-Università f'pajjiżna, stabilixxa wkoll il-katedra tal-botanka, u ġie msejjaħ bħala professur it-Tabib Malti Ġużeppi Zammit (DOTTOR JOSEPHUS ZAMMIT), li kien ukoll wieħed mill-kbarat ta' l-Ordni Ġerosolmitan. Dan l-ewwel ma ħaseb sabiex jagħmel ġnien ta' l-istudji, u dan il-ġnien ġie magħmul fil-fossat ta' Sant'

Elmu fejn il-pjanti kienu wisq ftit li b'kollox kien hemm xi 300. Dan il-ġnien dam sal-1740 fejn f'din is-sena miet il-Professur meta kellu 94 sena; fuq il-mewt tiegħu il-ġnien ġie imħolli u baqa' sakemm ġew l-Ingliżi, għaldaqshekk Sir Alexander Ball, l-ewwel gvernatur Ingliż, reġa' stabilixxa il-katedra tal-botanka u fl-1805 ġie msejjaħ bħala Professur il-Patri Tereżjan Giaċintu (P. F. CAROLUS HYACINTHUS *Carmelita Excalciatus*). Dan waqqaf ġnien ieħor il-Furjana fejn il-lum tinsab l-Iscola tal-Gvern, u dan il-ġnien kien jinfed mad-dar tiegħu. P. Giacintu ħaseb biex ħawwel il-ġnien imsejjaħ il-Mall, u sebbħu b'bosta siġar. Fl-1806 ħareġ l-ewwel Katalogu tal-ġnien botanku li semmieh "*Index Plantarum Horti Botanici Melitensis*". Il-Professur Ġaċintu dam mill-1805 sal-1824, u wrajh laħaq l-alliev tiegħu it-Tabib AugustinusNaudi li dam mill-1824 sal-1829. Wara dan ġie maħtur Professur it-Tabib Stefano Zerafa, wieħed mill-aħjar Botaniċi li kellna. Zerafa fl-1855 ittrasporta l-ġnien botanku fil-ġnien tal-Balliju Argotti fejn jinsab il-lum, fejn bl-ordni tal-Gvernatur Sir William Reid intefqu dwar it-£800 għall-bżonnijiet tal-ġnien u tawh l-isem ta' "*Argotti Botanic Gardens*". Il-Professur fl-1831 ħareġ ix-xogħol sabiħ ħafna fuq il-Pjanti Maltin li semmieh "*Florae Melitensis Thesaurus*". Wara dan insibu li fl-1859 ġie maħtur Professur it-Tabib Malti, Grech Delicata. (JOANNES CAROLUS GRECH DELICATA) li dan kien ġa stampa fl-1853 xogħol sabiħ tal-"*Florae Melitensis*". Wara G. Delicata fl-1880 ġie maħtur il-Prof. Gavino Gulia li kien wieħed mill-aħjar naturalisti ta' pajjiżna. Dan il-Professur irranġa mill-aħjar il-ġnien botanku billi ġieb bosta xtieli ġodda, u kiteb bosta kotba fuq il-Pjanti. Wara dan, fl-1890 ġie maħtur Professur ta' l-Istorja Naturali t-Tabib Francesco Debono, u dan irranġa il-ġnien u sebbħu mill-aħjar l-iżjed bil-passaġġi, kannezzati, u serra, Dam sal-1919 u wrajh sar għal ftit it-Tabib Enrico Meli li dam sal-1921. F'din is-sena ġie maħtur Professur ta' l-Istorja Naturali it-Tabib Giovanni Borg, li taħt id-direzzjoni tiegħu il-Ġnien Botanku miexi wisq il-quddiem l-iżjed fil-Pjanti Mediċinali, fil-pjanti Maltin, u fil-Kollezzjoni li qiegħda issir ta' Pjanti għall-Erbarju ta' l-Università.

Mela nispiċċaw billi ngħidu li l-Ġnien Botanku tagħna huwa wieħed mill-eqdem taħt l-Imperu Ingliż, billi barra minn dak ta' Oxford li gie magħmul fl-1632, u dak ta' Edinburgh li sar fl-1670, il-Ġnien Botanku ta' Malta huwa l-iżjed qadim fl-Imperu billi kellu bidu fl-1675.

P.